# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR

## Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D

Udjenza nhar l-2 ta' Ottubru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 214/2021 CL

**Alexander Muscat Azzopardi fil-kapacita tieghu bhala ammiinistratur ta' St. Paul's Court Owner's Association Condominium (KI nru 629581M) The Forum Residences, Block F, Flat 4, Triq Gokondu, Swieqi**

**VERSUS**

**Avv. Victor Bugeja mahtur Kuratur Deputat fis-17 ta' Novembru 2023 ghal Cliff Jones (KI nru 156659A)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-23 ta' Lulju 2021 fejn ir-rikorrenti bhala amministratur tal-condominium ta' appartamenti sitwati gewwa St. Paul's Court, Triq Guljuli, Bugibba talab sabiex il-konvenut li huwa propjetarju tal-appartament 58H, li jifforma parti mill-condominium, jigi dikjarat debitur tal-konvenut u ordnat jhallas l-ammont ta' elf u wiehed euro u sitta u hamsin centezmu (€1,001.56) rapprezentanti €450 ghal sehem il-konvenut ghar-riparazzjoni ghas-sistema ta' drenagg u €551.56 bhala sehem tal-konvenut ghal kontribuzzjoni annwali tas-sena 2017/2018 ta' spejjez ordinarji, manteniment, preservazzjoni u uzu tal-komun, tal-appartamenti, fejn il-konvenut huwa propjetarju ta' appartament formanti parti mill-condominium. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali numru 912/2021 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kuratur Deputat li gie ipprezentat fis-26 ta' Jannar 2024 li tghid illi ma kienx edott mill-fatti speci tal-kaz u u ghalhekk irriserva li jwiegeb ulterjerament kemm il-darba jkun il-kaz.

Fis-6 ta' Marzu 2024, xehed Alexander Muscat Azzopardi li huwa amministratur tal-blokk St. Paul's Court, fejn Cliff Jones huwa wiehed mir-residenti gol-blokka. Hu kien ha handover tal-kontijiet mill-amminstratur ta' qablu li kienu FM Core u fil-kontijiet u fil-kontijiet taghhom meta huma kienu hadu over mill-amministratur ta' qabilhom Complex Co Ltd fl-2019 kienu bghatu invoice ta' €600 li thalsu, izda kien hemm kont pendenti ta' €551.56, fejn ipprezenta dokumenti li gie immarkati Dok AM1. Ghalkemm hallas il-kontijiet li gew wara dan il-kont baqa' ma thallasx. Waqt EGM kien gie approvat xoghol fuq katusi ta' erba' flats li wiehed minnhom kien tal-konvenut fl-ammont ta' €450, is-sidien tat-tlett flats l-ohra halsu, izda l-konvenut ma hallasx Dok AM2 u AM3.

Mid-dokumenti li gew ipprezentati kif ukoll ix-xhieda ta' Alexander Muscat Azzopardi is-socjeta attrici irnexielha tipprova t-talba taghha ghal ammont ta' €1,001.56.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-attur in rapprezentanza tal-assocjazzjoni s-somma ta' ta' elf u wiehed euro u sitta u hamsin centezmu (€1,001.56) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mit-23 ta' Lulju 2021[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1]Data tal-kawza odjerna, stante li ma gietx ipprezentat kopja tal-ittra ufficjali 912/2021